MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 47/2005

**Bank of Valletta plc.**

**-vs-**

**John u Louise mizzewgin Vella I.D. Numri 214247 (M) u 390350 (M) rispettivament.**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu espona bir-rispett:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. –vs-

John u Louise mizzewgin Vella" (Citaz Numru 931/1997 RCP) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tmint elef, erba' mija u tnax-il Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm8,412.27) kwantu ghal sebat elef, disa' mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm7,972.43) sorte u kwantu ghal erba' mija u disgha u tletin Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm439.84) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u markata Dok "B", flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri 1 t' April, 1998 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Illi, illum id-debitu ta' l-intimati jammonta ghal tlett elef, disa' mija u wiehed u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm3,931.64) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenuti ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti moghtija fil-15 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm3,931.64) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' April, 1998 sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti ezebiti mar-rikors promotur.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqasu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur.

Semghet l-Avukat tal-Bank attur.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-Bank attur kif dedotti fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------